AKUNSILL LOKALI MARSAXLOKK

# Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2012

**Werrej**


***Introduzzjoni***

***Il-Kunsill***

***Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill***

***Il-Hidma tal-Kunsill***

***L-iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-dħul u n-nefqa***

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 Il-Kunsill

Marsaxlokk huwa raħal żgħir b'popolazzjoni ta' madwar 3500 peruna.. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk huwa compost min ħames kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-Parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentament immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn Assistent Uffiċjal Prinċipali u Uffiċjal Eżekuttiv. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb illi tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukolll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikunu illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħad jiġu diskussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

### 2.2 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-amministrazzjoni tal-Kunsill hija kompsta kif ġej:

| | |
|---|---|
| *Is-Sur John Restall** | *Segretarju Ezekuttiv* – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani |
| *Is-Sur Duncan Hall*** | *Segretarju Ezekuttiv* – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani |
| *Is-Sinjorina Caroline Fenech* | *Assistent Uffiċjal Prinċipali* - Responsabbli mill-amministrazzjoni, relazzjonijiet mal-klijenti, swieq fil-beraħ |
| *Is-Sur Jordy Brincat* | *Uffiċjal Eżekuttiv* – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-klijenti, xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, editur tal-magazine tal-Kunsill u l-amministrazzjoni. |

Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Cassar | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur Angelo Gafa' | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur Alfred Gravina | Malta Tourism Authority |
| Is-Sur Alfred Camenzuli | Employment & Training Corporation |
| Is-Sur Peter Carabott | Construction & Maintenance Department |
| Is-Sur Carmel Callus | Employment & Training Corporation |
| Is-Sur John Carabott*** | Construction & Maintenance Department |
| Is-Sur Angelo Bonnici | Employment & Training Corporation |

*Is-Sur John Restall* għalaq 61 sena f'Awissu 2011 u għaldaqstant temm l-impjieg tiegħu.*
*Is-Sur Duncan Hall** beda jaħdem mal-Kunsill Lokali minn Settembru 2011 minflok is-Sur John Restall*
*Is-Sur John Carabott*** temm l-impjieg tieghu mal-Kunsill Lokali matul l-2011*

## *3.0 Il-Finanzi u l-ħidma tal-Kunsill*

### 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

ID-DHUL

| | 2011 | 2010 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **8 Funds received from Central Government** | | |
| In terms of section 55 of the Local Councils Act (CAP 363) | 319,170 | 320,239 |
| Other Government income | 9,000 | 10,000 |
| | 328,170 | 330,239 |

| | 2011 | 2010 |
|---|---|---|
| **9 Investment income** | € | € |
| Bank Interest Receivable | 488 | 380 |
| | 488 | 380 |

| | 2011 | 2010 |
|---|---|---|
| **10 General Income** | € | € |
| Income from Contraventions | 31,703 | 8,500 |
| Income from permits | 5,692 | 5,314 |
| Income from contributions | 4,504 | 28,519 |
| Income from donations | 2,320 | 470 |
| | 44,219 | 42,803 |

*Id-Dhul totali ghas-sena 2011 kien ta'* *€372887*

L-INFIQ

## 11 Personal Emoluments

| | 2011 | 2010 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Personal emoluments include, inter alia: | | |
| Mayor's Allowance | 6,300 | 6,300 |
| Councillors' Allowance | 6,320 | 6,400 |
| Executive Secretary salary and allowances | 22,822 | 25,771 |
| Employees' salaries | 36,167 | 34,013 |
| Social Security Contributions | 4,432 | 3,781 |
| | 76,041 | 76,265 |

## 12 Operations and Maintenance

Operations and maintenance includes, inter alia:

| | 2011 | 2010 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Repairs and Upkeep: | | |
| Road and Street Pavements (patching works) | 18,547 | 5,349 |
| Public Property | 2,168 | 714 |
| Signs and road markings | 1,368 | 2,115 |
| Other | 5,451 | 5,564 |
| Total | 27,534 | 13,742 |
| **Contractual Services:** | | |
| Refuse Collection | 48,150 | 48,091 |
| Bulky Refuse Collection | 2,610 | 2,821 |
| Road and Street Cleaning | 24,568 | 15,844 |
| Waste disposal / Tipping fees - Landfills | 22,018 | 21,304 |
| Bins on wheels | 429 | 861 |
| Cleaning and Maintenance - Promenade | 16,638 | 22,730 |
| Cleaning and Maintenance - Public Conveniences | 8,566 | 7,741 |
| Cleaning and Maintenance - parks and gardens | 14,934 | 14,154 |
| Cleaning and Maintenance - beaches | - | - |
| Cleaning and maintenance - council premises | 1,071 | 1,155 |
| Open skips | 4,287 | 2,230 |
| Street Lighting | 9,975 | 6,063 |
| Other | 3,842 | 5,878 |
| | 157,088 | 148,872 |
| Total Operations and Maintenance Expenses | 184,622 | 162,614 |

## 13 Administration and other expenditure

| | 2011 | 2010 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Utilities | 10,187 | 11,907 |
| Materials and supplies | 4,503 | 3,904 |
| National and International Memberships | 5,427 | 555 |
| Rent | 7,543 | 7,542 |
| Office Services | 4,079 | 4,158 |
| Transport | 3,282 | 1,696 |
| Overseas travel | - | - |
| Information services | 9,154 | 11,711 |
| Professional Services | 10,544 | 10,367 |
| Training | 250 | 870 |
| Community services and events | 20,907 | 12,723 |
| Depreciation | 26,924 | 28,479 |
| Penalty | 3,702 | - |
| | 106,502 | 93,912 |

---

*Ll-Infiq totali ghas-sena 2011 kien ta'* *€367165*

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Bħas-snin ta' qabilha, is-sena 2011, kienet sena mpenjattiva ħafna għall-Kunsill lokali Marsaxlokk. Sena li matulha sar ħafna xogħol fil-lokalita' tagħna flimkien ma ippjanar preparazzjoni sabiex matul l-2012 naraw xogħol siewi isiri f'Marsaxlokk f'diversi oqsma .

Kienet sena illi matulha minkejja d-diffikultajiet li niltaqgħu magħom ikkonkludejna diversi inizjativi illi l-frott tagħhom ser jidher matul l-2012. Permezz tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali saret ħidma siewja illi minnha qiegħdin igawdu diversi residenti. L-2011 kienet sena illi matulha rajna l-implimentazzjoni tal-proġett ta' Xatt is-Sajjieda, proġett, illi għalkemm ma sarx minn fondi tal-Kunsill Lokali sar fuq insistenza ta' l-istess Kunsill u l-Kunsilliera kienu strumentali sabiex ċerti fażijiet mill-proġett isiru skond kif xtaq il-Kunsill u mhux kif kien qiegħed jiġi propost. Minbarra bidla fl-amministrazzjoni is-sena li qiegħda tiġi ttrattata kienet sena illi matulha l-Kunsill Lokali aġġudika u ħadem fuq diversi sejħiet għall-offerti u deċiżjonijiet oħra illi permezz tagħhom ser inkunu qiegħin naħdmu b'mod aktar effiċjenti.

Minkejja d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom, il-Kunsill Lokali Marsaxlokk huwa ottimist illi Marsaxlokk ser jgħaddi minn perjodu ta' żvilupp konsiderevoli matul is-snin li ġejjin u fil-fatt qiegħdin nippjanaw illi nipparteċipaw f'numru ta' inizjativi li ser ikunu qiegħdin jitwettqu ġewwa l-lokalita' tagħna anke jekk mhux minn fondi tal-Kunsill Lokali.

### *Funtana f'Xatt is-Sajjieda*

Matul l-2011, bi spiza ta' aktar minn €58 000 minn fondi ta' l-Urban Improvement Fund, il-Kunsill Lokali ħareġ seħa għall-offerti u implimenta l-proġett tal-funtana f'Xatt is-Sajjieda. Dan ix-xogħol sar sabiex jiġi kkumplimentat proġett li l-Gvern Ċentrali kien qiegħed iwettaq fl-istess żona.

### *Xatt is-Sajjieda*

Matul l-2011 ġie ffinalizżat mill-Gvern Ċentrali proġett f'Xatt is-Sajieda. Permezz ta' dan il-proġett sar xogħol estensiv matul ix-Xatt ta' Marsaxlokk li permezz tiegħu ġie attirat l-investiment minn kummerċjanti. Fil-fatt f'Xatt is-Sajjieda sar xogħol estensic fuq il-bankini u l-*promenade* li ġew ikkumplimentati minn fanali, bankijiet u *street furniture* ġdida.Dan ħajjar lil diversi investituri sabiex jiftħu stabilimenti u ħwienet ġewwa l-lokalita'. Naturalment, dan l-investiment fisser titjib sostanzjali fil-livell ta' għixien tar-residenti ta' Marsaxlokk illi sa' fl-aħħar raw il-lokalita' tagħhom tiżviluppa kif xtaqu huma.

### *Resurfacing ta' toroq*

Is-sena 2011 kienet sena illi matulha il-Kunsill Lokali, permezz ta' ippjanar għaqli ħejja sabiex matul l-ewwel kwart ta' l-2012 isir xogħol ta' bankini ġodda u resurfacing f'diversi toroq ġewwa l-lokalita' ta' Marsaxlokk. Permezz ta' fondi tal-Kunsill Lokali fil-fatt ser isir ix-xogħol imsemmi fi Triq Duncan, Triq il-Kavallerizza, Triq San Guzepp, Triq l-Imriekeb, Triq il-Wilga, Parti minn Xatt is-Sajjieda u Parti minn Triq iż-Zejtun. Dan ser jiġi kkumplimentat minn xoghol li ser isir mill-WSC. L-ispiża totali li daħal għaliha l-Kunsill Lokali sabiex jara illi dan ix-xogħol jiġi implimentat tammonta għal aktar minn €120 000.

### *Triq Bir Rikka*

Permezz ta' ħaddiema illi għandu assenjati miegħu, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb illi ssir bankina ġdida fi Triq Bir Rikka. Għalkemm forsi wieħed ma jkunx konxju ta' x'jinvolvi tali xogħol, għall-Kunsill Lokali din kienet inizjativa illi tinvolvi kwantita' konsiderevoli ta' riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji.

### *Tabelli u Sinjali tat-Toroq*

Wara li għal numru ta' snin il-Kunsill Lokali iddeċieda illi sabiex isir xogħol ta' sinjali fit-toroq jitqababd kuntrattur. Għal dan il-għan inħarġet sejħa għall-offerti u matul l-2011 ingħata bidu għal pjan sabiex jinżebgħu mill-ġdid is-sinjali fil-lokalita'. Naturalment l-ispiża relatata ma' dan ix-xogħol hija ferm akbar minn dik li kien qiegħed jidħol għaliha l-Kunsill Lokali meta kien jagħmel l-istess xogħol permezz ta' ħaddiema li għandu assenjati miegħu.

### *Triq Għajn Osiris*

Għalkemm mhux minn fondi tal-Kunsill Lokali, matul l-2011 sar xogħol ta' bankini u resurfacing fi Triq Għajn Osiris. Il-Gvern Ċentrali wettaq dan ix-xogħol wara li l-Kunsill kien ilu żmien jilmenta ma' l-awtoritajiet dwar l-inkonvenjenti li kienu qiegħdin isofru r-residenti.

### *Ġnien il-Familja*

Waħda mill-prijoritajiet tal-Kunsill Lokali kienet u għadha s-sigurta' tar-residenti. Għaldaqstant, wara li l-*Malta Competition & Consumer Affairs Authority* ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt illi fi Ġnien il-Familja seta kien hemm xi perikli, il-Kunsill Lokali ħaseb tajjeb illi jibdel l-art ta' l-istess post. Fil-fatt bi spiża ta' mijiet ta' ewro, ġew imwaħħla rubber mats illi l-għan tagħhom huwa illi kemm jista' jkun jiġi evitat illi jweġġgħu it-tfal illi jkunu qiegħdin jagħmlu użu minn dan is-sit

### *Ċnut*

Matul l-2011 bi spiża oħra konsiderevoli, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb illi jittellgħu ċnut fi Triq il-Kavallerizza u Triq Ġuże' Cassar. Permezz ta' ħaddiema li l-Kunsill għandu assenjati miegħu il-Kunsill Lokali wettaq dawn iż-żewġ progetti illi permezz tagħhom kompla saħħaħ is-sigurta' għas-sewwieqa u l-pedonali.

### *Patching*

Konxju mill-fatt illi diversi toroq fil-lokalita' ma humiex fi stat tajjeb, matul l-2011, il-Kunsill Lokali daħal fi spiża ta' eluf ta' ewro sabiex jara illi jsir patching fejn ikun hemm bżonn. Naturalment, il-Kunsill Lokali huwa ta' l-opinjoni illi ċerti toroq jinħtieġ illi jingħatalhom wiċċ ġdid, pero' minħabba limitazzjonijiet fir-riżorsi finanzjarji dan ma kienx possibbli. Għaldaqstant, permezz ta' din il-miżura, il-Kunsill Lokali ħaseb illi jista' jtejjeb xi ftit il-kwalita' tat-toroq fil-lokalita'

### *Iż-żona tal-Magħluq*

Waħda miż-żoni illi kienet fi bżonn ta' azzjoni kienet dik tal-magħluq. F'din iż-żona kien hemm mitluqin numru mhux ħażin ta' opri tal-baħar flimkien mal-karrijiet tagħhom. Għaldaqstant, matul l-2011, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb illi dawn jitneħħew.

***Resurfacing ta' toroq mill-Gvern Ċentrali***

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kien ukoll strumentali sabiex permezz ta' fondi tal-Gvern Ċentrali isir resurfacing f'numru ta' toroq. Fost l-oħrajn sar sogħol simili fi Triq it-8 ta' Mejju, Daħlet Ġużeppi Stagna, Triq Bir Rikka, Parti minn Triq iż-Żejtun u parti minn Triq il-Kavallerizza.

## 3.3 Organizzazzjoni

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttra:



**Statement of Affairs ( Siltiet mill-Financial Statements ghas-Sena 2011)**

| | | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | Notes | € | € |
| **Non-Current Assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 4 | 282,421 | 240,216 |
| | | 282,421 | 240,216 |
| **Current Assets** | | | |
| Trade and other receivables | 5 | 47,373 | 49,892 |
| Cash and Cash Equivalents | 6 | 165,220 | 119,928 |
| | | 212,593 | 169,820 |
| **Total Assets** | | 495,014 | 410,036 |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | | |
| **Capital and reserves** | | | |
| Retained Fund | | 381,954 | 376,242 |
| **Liabilities** | | | |
| Payables | 7 | 113,060 | 33,794 |
| **TOTAL RESERVES AND LIABILITIES** | | 495,014 | 410,036 |

***Statement of Income & Expenditure ( Siltiet mill-Financial Statements ghas-sena 2011)***

## STATEMENT OF COMPREHENSIVE INCOME

Year ended 31 December 2011

| | Notes | Year ended 31 December 2011 € | Year ended 31 December 2010 € |
|---|---|---|---|
| **REVENUE** | | | |
| Funds received from central government | 8 | 328,170 | 330,239 |
| Investment income | 9 | 488 | 380 |
| General Income | 10 | 44,219 | 42,803 |
| | | 372,877 | 373,422 |
| **EXPENDITURE** | | | |
| Personal emoluments | 11 | (76,041) | (76,265) |
| Operations and maintenance | 12 | (184,622) | (162,614) |
| Administration and other expenditure | 13 | (106,502) | (93,912) |
| | | (367,165) | (332,791) |
| **Total Comprehensive Income for the year** | | 5,712 | 40,630 |